

[Paġna Ewlenija](#) > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Tqegħid ta' minuri f'pajjiż ieħor inkl. f'foster family](#)

Tqegħid ta' minuri f'pajjiż ieħor inkl. f'foster family

Tfal jistgħu jeħtieġu familja ġdida għax ikunu orfni jew għax il-ġenituri tagħhom ma jkunux jidhru li jkunu kapaċi jieħdu ħsiebhom.

Kwalunkwe tip ta' tqegħid ta' tfal ma' xi ħadd li mhuwiex ġenitur - f'foster home ma' individwu wieħed jew aktar, jew f'kura istituzzjonali, pereżempju f'orfanatrofju jew f'dar tat-tfal - f'pajjiż ieħor tal-UE huwa kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tar-[Regolament Brussell IIb](#). Dan jinkludi wkoll "tqegħid edukattiv" ordnat minn qorti jew organizzat minn awtorità kompetenti bil-qbil tal-ġenituri jew tat-tfal jew fuq talba tagħhom wara imġiba devjanti tat-tfal.

Qorti jew awtorità li tippjana li tqiegħed tfal f'pajjiż ieħor tal-UE trid tikseb il-kunsens tal-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż qabel ma tordna jew torganizza t-tqegħid. Ir-Regolament jirreferi għal-liġi nazzjonali biex jistabbilixxi meta jkun hemm bżonn ta' konsultazzjoni:

- mhijiex meħtieġa meta t-tfal jitqiegħdu ma' ġenitur;
- il-liġi u l-proċedura nazzjonali ta' kull pajjiż tal-UE jistgħu jispeċifikaw li l-kunsens tagħhom ma jkunx meħtieġ għal tqegħid fit-territorju tagħhom stess ma' ċerti kategoriji ta' qraba stretti apparti l-ġenituri.

It-talba għal kunsens għandha tinkludi mill-inqas rapport dwar it-tfal flimkien mar-raġunijiet għat-tqegħid propost jew l-għoti tal-indukrament, it-tul ta' żmien mistenni tat-tqegħid u informazzjoni dwar kwalunkwe finanzjament ikkontemplat. Dan irid jiġi ssupplimentat bi kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Istat Membru rikjest jista' jikkunsidra li tkun pertinenti bħal kwalunkwe superviżjoni prevista tal-miżura, arranġamenti għal kuntatt mal-ġenituri, qraba oħrajn, jew persuni oħrajn li l-minuri għandu relazzjoni mill-qrib magħhom, jew ir-raġunijiet għaliex tali kuntatt mhuwiex ikkontemplat.

Il-liġi u l-proċedura nazzjonali ta' kull pajjiż tal-UE jirregolaw il-proċedura biex jinkiseb il-kunsens għat-tqegħid.

Il-Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIb tinsab f'din il-paġna: [Il-pubblikazzjonijiet tan-NĠE](#)

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

L-aħħar aġġornament: 03/04/2024

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.